MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 181/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. C. Mifsud)**
**Vs**
**Paul Ciappara**

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli

1. fis-26 t'April, 1995, ghall-habta tat-7.45 pm u fix-xhur ta' qabel fin-Naxxar, u cioe' fil-lok "Madonnina" St. Publius Street, Naxxar, b'diversi azzjonijiet maghmula fi zminijiet differenti w li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, kellu fil-pusess tieghu apparat ta' telegrafija minghajr fili, w cioe' 1) Shuttle Ace Telephone Amplifier model TA-50b; 2) long range telephone Shuttle Ace 7000 serial no 008410392 komplut, tail-handset serial no 0084 10392 komplut u tail-handset serial no 008410392, minghajr licenzja minghand il-Ministru responsabbli ghat-telegrafija minghajr fili;

2. fl-istess zmien, lok u cirkostanzi kkuntratta, installa, estenda jew haddem xi telefon jew telegrafi jew ghamel xi xoghol jew installa xi apparat jew xi haga ohra mahsuba biex jintbaghtu messaggi bit-telefonija jew bit-telegrafija jew b'xi mod iehor dahal fuq id-drittijiet esklusivi vestiti fil-Korporazzjoni Telemalta bl-art. 3 ta' dan l-Att minghajr licenzja mit-Telemalta jew inkella f'isimha, (art. 18 Kap. 9, art. 3(2) Kap 49, art. 39(1) Kap. 250.
3. f'isem il-Kontrollur tad-Dwana, akkuzat talli kellu fil-pussess tieghu jew taht il-kontroll tieghu 1) Shuttle Ace Telephone Amplifier model TA-50B, 2) Long Range Telephone Shuttle Ace 7000 Serial no 008410392 komplut bil-hand-set serial no 008410392, b'valur ta' LM465.00,0 u dazju ta' LM31.00,0, liema dazju ma giex imhallas u/jew kawtelat u dan bi ksur ta' l-artikoli 60(a),(b),(c),(d),(e),(h),(k) u 62(a),(b),(c),(e),(f),(g),(h),(i),(k) ta' l-Ordinanza ta' Dwana (Kap. 37), kif ukoll l-Att XII dwar it-Taxxa Dwar il-Valur Mizjud tal-Ligijiet ta' Malta;
4. f'isem il-Kummissarju tad-Dipartiment tat-Taxxa ta' fuq il-Valur Mizjud, akkuzat talli fis-26 t'April, 1995, instab li kellu fil-pussess u/jew il-kontroll tieghu Shuttle Ace Telephone Amplifier model TA-50B, u Long Range Telephone Shuttle Ace 7000, serial number 008410392, komplut bil-handset serial number 008410392 u li l-importazzjoni taghhom hija projbita u/jew ristretta b'valur ta' LM465.00,0 dazju LM31.00,0 u li fuqhom kellha tithallas taxxa fuq il-Valur Mizjud, liema taxxa tammonta ghal LM74.40c,0 liema taxxa ma gietx imhallsa u/jew kawtelata, w dan bi ksur ta' l-artikou 65 ta' l-att Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att numru XII ta' 1994).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta' Mejju, 2009, li biha sabet lill-appellant hati skond l-akkuzi w ikkundannatu ghall-multa ta' €1833 (LM787) u ordnat il-konfiska ta' l-apparat kollu meritu ta' din il-kawza.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-1 ta' Gunju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tbiddel is-sentenza appellata billi tikkonferma fejn l-Ewwel Qorti sabet htija skond l-artikolu 3(2) tal-Kap. 49 (l-ewwel

imputazzjoni) u l-artikolu 39(1) tal-Kapitolu 250 (it-tieni imputazzjoni), u tbiddel fejn l-Ewwel Qorti sabet htija fl-appellant skond l-artikolu 18 tal-Kap. 9, u tbiddel ukoll dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellant instab hati tat-tielet u tar-raba’ imputazzjoni w konsegwentement tilliberah minnhom, u, fin-nuqqas taghti piena aktar adegwata ghac-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti u cioe' :-

Li l-appellant hassu aggravat mhux talli nstab hati li kiser l-artikolu 3(2) tal-Kapitolu 49 u l-artikolu 39(1) tal-Kapitolu 250, imma li nstab hati li kiser id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 18 tal-Kapitolu 9 , l-artikolu 60 u 62 tal-Kap.37 u l-artikolu 65 tal-Att XII ta’ 1994. Dan ghaliex ma kienx kaz ta’ reat kontinwat ghax, biex ikun hekk, kien jehtieg li jkun hemm pluralita’ ta’ vjolazzjonijiet tal-istess dispozizzjoni tal-ligi kriminali, kommessi bl-istess rizoluzzjoni. Fil-kaz odern, kien hemm att ta’ darba li hu ma hallasx il-licenzji relattivi w ma hemmx ripetizzjoni tal-istess att kriminuz. Skond l-appellant dan l-apparat kien ilu ghandu xi sena w ma ngabitx prova mill-Prosekuzzjoni kemm il-darba l-appellant b’ atti differenti kiser l-istess dispozizzjoni tal-ligi w cioe’ kemm l-apparat kien ilu fil-pussess tieghu minghajr il-licenzji relattivi.

Inoltre, l-artikolu 60 tal-Kap.37 jipprovdi dwar meta persuna iddahhal, timporta, tizbarka jew bil-mohbi tohrog minn xi mahzen xi oggett minghajr ma jithallas id-dazju relattiv jew minghajr ma l-oggetti jigu spezzjonati. Mill-provi tal-Prosekuzzjoni ma jirrizultax li l-appellant kien imdahhal f’ xi operazzjoni simili, anzi fix-xiehda tieghu l-appellant jghid li l-apparat xtrah minnghand Ingliz. Ghalhekk ma kellux jinstab hati taht dan l-artikolu.

Ghar-rigward tas-sejbien ta’ htija skond l-artikolu 62 tal-Kap.37, dan jipprovdi *inter alia* dwar min xjentement jigi fil-pussess ta’ oggetti li fuqhom ma jkunx thallas dazju. Ma ngabux provi li l-appellant messu ntebah mic-cirkostanzi li d-dazju ma thallasx fuq dawk l-oggetti. Il-prosekuzzjoni trid tipprova li l-pussess kien xjenti.

Dwar il-ksur tal-artikolu 65 tal-Att XII tal-1994, cioe’ tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, l-appellant issottometta li dan l-artikolu hu marbut mal-importazzjoni tal-oggett u, ladarba l-prosekuzzjoni naqset li tipprova htija taht l-artikolu 60 tal-Kap.37, hu ghandu ukoll jigi liberat minn din l-imputazzjoni.

Semghet it-trattazzjoni

Ikkonsidrat;

Illi fl-ewwel lok u ghalkemm ma tressaq ebda aggravju dwar dan, din il-Qorti osservat *marte propria* li fil-parti dispozittiva tas-sentenza appellata ma gewx indikati l-artikoli tal-ligi li tahthom instabet htija. Ghalkemm jissemmew artikoli tal-ligi fil-parti fejn l-Ewwel Qorti rriproduciet ic-citazzjoni, dan, fil-fehma ta’ din il-Qorti, gja espressa f’ sentenzi taghha precedenti, mhux bizzejjed biex jigi rispettat il-vot tal-ligi.

Skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena <u>w ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta’ kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat;</u>

Illi skond gurisprudenza kostanti ta’ din il-Qorti n-nuqqas li jsir dan jimporta n-nullita’ tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta’ formalita’ sostanzjali. F’ kaz simili dan jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza w tiddeciedi l-kawza hi stess skond dak li jipprovdi l-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali. (ara f’ dan is-sens l-Appelli Kriminali : **“Il-Pulizija vs. Paul Cachia**” [25.9.2003]; **“Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**” [9.9.2002]; **“Il-Pulizija vs.Benjamin Muscat**” [10.7.2002 u

28.6.2002]; **"Il-Pulizija vs. Donald Cilia**" [24.4.2002]; **"Il-Pulizija vs. Mark Portanier"** [14.9.2004] u ohrajn)

Illi fil-kaz in ezami, jidher manifest li l-Ewwel Qorti – x'aktarx bi zvista – naqset li ssemmi l-artikoli tal-ligi li tahthom sabet htija fil-konfront tal-appellant u dan jirrendi s-sentenza appellata nulla .

Ghalhekk din il-Qorti qed tannulla s-sentenza appellata w ser tghaddi biex tiddeciedi l-kawza mill-gdid fuq il-provi traskritti w tqis l-aggravji tal-appellant biss bhala sottomissjonijiet difensjonali tieghu.

Illi mill-provi traskritti jirrizulta li meta fis-26 t' April, 1995, membri tal-Wireless and Telegraphy Department u tal-korp tal-Pulizija kienu ghamlu spezzjoni fil-fond tal-appellant, hemm sabu istallat apparat mal-aerial fuq il-bejt u cioe' *long range cordless telephone*. Dan l-apparat kien ukoll imqabbad ma amplifier. Instab ukoll *cordless telephone* iehor. Dak iz-zmien dan l-apparat kien illegali w ghalhekk hu ma kellux licenzji ghalihom. Dawn il-fatti taw lok biex jigi akkuzat kif fuq intqal.

Ikkonsidrat;

L-appellant mhux qed jikkontesta s-sejbien ta' htija dwar l-ewwel zewg imputazzjonijiet u ghalhekk dawn qed jigu konsidrati bhala ammessi. Li qed jikkontesta fl-ewwel lok pero' – u dan b' riferenza ghall-erba imputazzjonijiet – hu li dan ma kienx kaz ta' reat kontinwat.

Issa r-reat kontinwat (*continuous offence*) hu *fictio iuris* intiz biex itaffi kundanni ghall-diversi reati dedotti kontra l-istess hati b' dan li minnflok ikun hemm konkors ta' reati w pieni, l-hati jinghata l-beneficcju ta' piena ghal reat wiehed li tista' pero', fid-diskrezzjoni tal-Qorti, tizdied bi grad jew tnejn. Pero' biex tissussisti din il-*fictio juris*, jkun hemm bzonn li jkun hemm pluralita' ta' l-istess reati ghad-distinzjoni minn reat wiehed ta' natura permanenti (*continuing offence*).

Kif jghid il-**MAINO** fil-kummenti tieghu dwar artikolu kwazi identiku ghall-artikolu 18 tal-Kap. 9 u cioe' l-artikolu 79 tal-Codice Zanardelli:-

*"Il-primo estremo importa adunque essere essenziale a costituire il reato continuato che vi sia la ripetizione di piu' azioni, ciascuna delle quali rappresenti una perfetta violazjone di legge e non una semplice prosecuzione del delitto, come abbiamo veduto avvenire nei reati permanenti. In altri termini, per poter obiettare la continuazione, occorre che si possa obiettare la ripetizione."*

Trid issir distinzjoni ukoll bejn il-kaz ta' reat kontinwat u l-kaz ta' meta att wiehed kriminuz jaghti lok ghal ksur ta' diversi dispozizzjonijiet tal-ligi jew addirittura ta' ligijiet differenti, kif jidher li jista' jkun il-kaz f' dan il-kawza.

F' dan l-kaz, ghalkemm jidher li l-pussess tal-apparat inkriminat kien *ex admissis* jirrisali mill-inqas – jekk jitwemmen l-appellant - ghall-periodu ta' circa sena, dan per se ma kienx jirrendieh reat kontinwat. Ir-reati dedotti kontra l–appellant huma reati istantanji w jigu kommessi mal-att tal-akkwist u tal-bidu tal-pussess illegali w bla licenzja. Il-permanenza tal-pussess pero'ma tirrendix ir-reat wiehed kontinwat imma se mai aktar reat ta' natura permanenti.

Ghalhekk is-sottomissjoni tal-appellant fir-rigward tar-reat kontinwat tidher ben fondata legalment u qed tigi milqugha.

Ikkonsidrat;

It-tieni sottomissjoni (gja aggravju) tal-appellant hi fis-sens li fir-rigward tat-tielet akkuza, l-artikolu 60 tal-Kap.37 jipprovdi dwar meta persuna iddahhal, timporta, tizbarka jew bil-mohbi tohrog minn xi mahzen xi oggett minghajr ma jithallas id-dazju relattiv jew minghajr ma l-oggetti jigu spezzjonati. Mill-provi tal-Prosekuzzjoni ma jirrizultax li l-appellant kien imdahhal f' xi operazzjoni simili, anzi fix-xiehda tieghu l-appellant jghid li l-apparat xtrah

minnghand Ingliz. Ghalhekk ma kellux jinstab hati taht dan l-artikolu.

Issa hija l-prattika tal-Kontrollur tad-Dwana li meta jikteb lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jipprocedi fuq xi allegat ksur tal-Kap.37, jinkludi l-ipotesijiet kollha ta' ksur tal-ligi kontemplati fl-atikoli 60 u 62 tal-Kap.37 u jhalli f' idejn il-Qrati dwar ta' x hiex tkun tista' tinstab htija. Din il-prassi ftit li xejn hija rakkomandabbli pero' u l-Kontrollur tad-Dwana ghandu jkun ben konsapevoli ta' liema ksur tal-ligi jkollu jirrispondi l-akkuzat u mhux jitfa' kollox f' qoffa wahda w jhalli f' idejn il-Qorti *"to pick and choose".* Din il-prassi ghandha tinqata' ghax hi impreciza ghall-ahhar. F'dan il-kaz jidher manifestament li ebda wiehed mis-sub-incizi tal-artikolu 60 tal-Kap. 37 mhu applikabbli ghall-kaz odjern u ghalhekk is-sottomissjoni tal-appellant f' dar-rigward hi ben fondata.

Ghalkemm l-istess prassi giet uzata fir-rigward tal-artkolu 62, f' dan il-kaz mis-sub-incizi kollha li gew elenkati fit-tielet akkuza, s-sub-incizi (f) u (g) biss jidhru li jistghu jkunu pertinenti ghall-fattispecji ta' dan il-kaz. Di fatti dawn jippreskrivu li jkun hati ta' kontravvenzjoni tal-Ordinanza tad-Dwana kull min:-

*"(f) xjentement jilqa' ghandu, izomm ..jew xjentement ihalli, jittollera jew igieghel jew ifittex li jigu milqugha, mizmuma jew mohbija oggetti li l-importazzjoni taghhom hi projbita jew limitata jew li ma thallasx dazju …"*
*"(g) xjentement jigi fil-pussess ta' dawn l-oggetti."*

Illi ma hemmx dubju li l-oggetti inkriminati gew misjuba fil-pussess tal-appellant u li dawn kienu oggetti projbiti. Dan lanqas ma hu kontestat mill-appellant innifsu. L-appellant pero' jissottometti li f' tali pussess kienet mankanti x-xjenza li fuq dawn l-oggetti ma kienx thallas id-dazju relattiv.

Dwar l-element tal-pussess xjenti, l-prosekuzzjoni sostni li mill-atti kien jirrizulta l-element tax-xjenza w li l-oneru tal-prova li d-dazju kien gie mhallas kien mixhut fuq l-appellant ghall-inqas fuq bazi ta' probabbilita'. Dan l-

apparat kien projbit fiz-zmien tal-allegat reat. L-appellant pero' ssottometta li l-artikolu 77 tal-Ordinanza tad-Dwana ma kellu x' jaqsam xejn ma dan il-kaz ghax l-apparat kien qed jintuza minn terza persuna u hadd ma kien qalilha xejn u dan ma kienx xi oggett mohbi imma oggett imwahhal ma aerial.

Illi l-pozizzjoni legali tal-import tal-artikolu 77 tal-Kap.37 in relazzjoni mal-artikoli 60 u 62 tal-istess Ordinanza tad-Dwana giet trattata *"funditus"* f' numru ta' sentenzi tal-Qrati Taghna w l-gurisprudenza *in subiecta materia* giet ri-epilogata fis-sentenza t' din l-Qorti fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Andrew Ellul Sullivan et."** [20.3.2003]. Hemm kienet saret riferenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs. Victor Calleja"** [24.8.1990] li, a sua volta, kienet ghamlet riferenza ghal sentenza ohra moghtija fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs. Anthony Mifsud u George Grima "** deciza fit-12 ta' Gunju, 1989 " u qalet:-

*"Fil-kaz kontra Anthony Mifsud et. l-akkuzi kienu wkoll taht dawn l-artikoli. Il-Qorti tal-Appell deherilha li kellha taghmel distinzjoni bejn il-pozizzjoni legali taht l-artikolu 77 u dik taht l-artikoli l-ohra u din il-Qorti taqbel ma u taghmel taghha tali argumenti in relazzjoni ghal tali distinzjoni ."*

*"Fid-dawl ta' dak li fuq inghad, din il-Qorti jidhrilha li l-pozizzjoni legali tista' tigi enuncjata hekk:- "*

*"Kazijiet taht l-artikolu 62 : "*

*"Il-Ligi ma tuzax il-kelma xjentement fil-paragrafi kollha ta' dan l-Artikolu."*

*"Min jimporta oggetti li l-importazzjoni taghhom hi projbita, min jizbarka tali oggetti, min iwarrab oggetti mportati qabel jigu ezaminati mill-ufficjal inkarikat mid-Dwana, huwa awtomatikament passibli minghajr il-htiega tal-prova tax-xjenza."*

*“Hawn il-prosekuzzjoni trid tipprova l-fatti materjali kif jinkwadraw ruhhom taht dawn il-paragrafi.“*

*“M’hemm bzonn lanqas li fil-kazijiet specifici l-imputat kien jaf li l-importazzjoni kienet projbita. Gie deciz li din hija kwistjoni ta’ ligi u mhux ta’ fatt. Ara f’dan ir-rigward is-sentenza ta’ din il-Qorti fil-kawza Pulizija vs. Raymond Debono deciza fit-28 ta’ Lulju, 1988.”*

*“Ghall-kuntrarju jekk l-imputat jallega li l-importazzjoni kienet legali, a tenur tal-Artikolu 77, irid jaghmel il-prova hu.”*

*“Paragrafi ohra pero’, jirrikjedu ix-xjenza. Dawn huma s-subincizi (e) sa (i) tal-istess artikolu 62.”*

*“Taht il-paragrafu (f) per ezempju, il-prosekuzzjoni trid tipprova li l-imputat agixxa xjentement biex*
*a) laqa’ etc. ghandu l-oggetti in kwistjoni ‘*
*b) li tali oggetti ghandhom l-importazzjoni projbita jew limitata,*
*c) jew tali oggetti kienu zdazjati ,*
*d) jew li tali oggetti kienu gew imwarrba minghajr hlas ta’ dazju mill-postijiet imsemmija fl-istess subinciz.”*

*Kif qalet il-Qorti fil-kawza kontra Mifsud, jekk il-prosekuzzjoni tipprova li l-appellant zamm ghandu jew laqa’ ghandu oggetti li fuqhom ma thallasx dazju b’daqshekk ma tkunx issodisfat il-vot tal-ligi billi tkun trid tipprova wkoll li l-imputat agixxa xjentement, altrimenti l-kelma xjentement tkun qeghda fil-ligi ghalxejn.”*

*“Il-prova tax-xjenza naturalment twassal sal-grad li l-appellant kien jaf jew ma setax ma kienx jaf, li l-oggetti li nstabu ghandu kienu ta’ natura ta’ dawk imsemmija fil-paragrafi rilevanti tal-Kap. 37 “*

*“Taht l-Artikolu 77 .”*

*Dan japplika, kif juri l-istess Artikolu, meta tinqala kwistjoni dwar jekk id-dazju dovut kienx gie mhallas, jew li l-oggetti gew zbarkati skond il-ligi, ecc. “*

*“Fi kliem iehor, fil-fehma tal-Qorti* dan *l-Artikolu jidhol in effett u jaltera l-piz tal-prova, meta l-imputat jinvoka tali fatti .”*

*“jekk l-imputat isostni li d-dazju thallas, jipprova hu.”*

*“Dan japplika f’kull kaz, anki fejn il-ligi tirrikjedi x-xjenza. Hija dejjem il-Prosekuzzjoni li trid tipprova x-xjenza f’dawn il-kazijiet, imma jekk l-appellant jixtieq jallega xi difiza taht l-Artikolu 77, il-prova jrid iforniha hu. U kien proprju dan li gie deciz fil-kaz ta’ Mario Scicluna.”*

u f’parti ohra tal-istess sentenza appena citata, l-Qorti affermat li :-

*“Fil-kawza Pulizija vs. Mario Scicluna deciza fis-7 ta’ Marzu, 1985, il-Qorti tal-Appell ikkonfermat il-principju li a tenur tal-Artikolu 77 tal-Kap.37, meta fi procediment taht dak il-Kap tinqala kwistjoni dwar jekk id-dazju fuq oggetti partikolari kienx gie imhallas jew dwar minn fejn jew kif dawn l-oggetti gew akkwistati, l-prova ta’ dan taqa’ fuq l-imputat.”*

*“In sostenn ta’ tali principju, l-Qorti ccitat sentenzi ohrajn u kompliet izzid hekk: “kull prova ghalhekk li l-Prosekuzzjoni trid taghmel hi nskritta minn dan l-artikolu u permezz tieghu jidher car li l-prova li l-prosekuzzjoni trid taghmel hi li ma jirrizultalhiex li thallas id-dazju. Minn hemm il-quddiem l-oneru tal-prova hu mixhut fuq l-imputat.“*

Umbaghad fl-Appell Kriminali **“Il-Pulizija vs. John Mary Deguara”** [7.9.1990] gie deciz li :-

*“Hu l-oneru tal-prosekuzzjoni li tipprova x-xjenza.”* u *“.....huwa zbaljat li wiehed japplika l-principji tal-Artikolu 77 tal-Kap.37 meta l-appellant ma tax l-eccezzjonijiet rizultanti taht tali artikoli..”*

Fl-Appell Kriminali **“Il-Pulizija vs. Carmel sive Charles Azzopardi”** [22.9.1993], fejn id-difiza ssollevat in-nuqqas

ta' xjenza u ta' *mens rea* tal-imputat fil-partecipazzjoni tieghu fir-reat lilu addebitat gie ritenut li :-

*"Jigi osservat immedjetament rigward dan il-punt li huwa strettament ta' natura legali, illi f'kazijiet precedenti fejn l-istess punt inqala' u gie deciz, il-pozizzjoni illi hadet din il-Qorti kienet fis-sens li dak illi kien gie deciz mill-Imhallef Harding, President ta' din il-Qorti fl-24 ta' Novembru, 1945 in re*. ***"Il-Pulizija vs. Anthony Preca"****, fejn, ghall-fini tal-ispostament tal-oneru tal-prova minn fuq il-Prosekuzzjoni ghall-fuq l-imputat, kienet saret distinzjoni importanti bejn il-kaz fejn l-imputat ikun l-importatur u l-kaz l-iehor fejn l-imputat ma jkunx il-komplici tieghu imma jkun assista fl-iskarikar tal-merkanzija. F'dik is-sentenza, li giet imbaghad sussegwentement segwita b'diversi sentenzi ohra fosthom dik in re* ***"Il-Pulizija kontra Joseph Farrugia"*** *deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Jannar, 1991, kien gie deciz li ghalkemm huwa veru li skond il-ligi f'akkuza ta' pussess ta' oggett li dwaru ma jkunx thallas id-dazju, il-prova li d-dazju kien thallas ghandha ssir mill-imputat, cio' nonostante fil-materja ghandha ssir distinzjoni bejn il-kaz fejn l-imputat huwa l-importatur ta' dak l-oggett jew il-komplici tieghu jew l-esekutur immedjat tal-att ta' kuntrabandu u l-kaz li l-imputat ikun haddiehor. F'dan l-ahhar kaz jinhtieg ghall-kontravvenzjoni r-rekwizit tax-xjenza, igifieri li l-imputat kien jaf jew messu ragjonevolment ikun jaf li d-dazju dwar dak l-oggett ma jkunx gie imhallas."*

u

*"....ghaldaqstant meta c-cirkostanzi juru li l-imputat kellu ragjonevolment jahseb li d-dazju fuq oggetti minnu possedut ma kienx thallas, kellu r-rekwizit ta' dik ix-xjenza u allura huwa hati tal-kontravvenzjoni lilu addebitata. Diversament huwa ezenti minn kull htija min ma kienx jaf u ma setax ragonevolment ikun jaf li d-dazju ma kienx thallas jew min kien mic-cirkostanzi gustifikat jahseb li id-dazju thallas ........Wiehed pero ' jrid* joqghod attent *f'sitwazzjoni simili billi ma jispostax l-ordni tal-logika ta' kif ghandhom isiru l-affarijiet u ma jinqabadx f'nasba ta' spostament ta' ragonament pseuodologiku....Skond din il-*

*Qorti l-ordni li ghandu jigi segwit huwa illi ghandu jigi stabilit l-ewwel u qabel kollox, x 'tip ta' attivita' kienet qed issir mill-appellant. Ghal dan il-fini, din il-Qorti jidhrilha li originarjament il-prova inizjali illi l-imputat kien jew l-importatur ta' l-oggetti, jew il-komplici ... jew li almenu kellu element ta' konoxxenza ta' dak li kien qieghed isir, tinkombi fuq il-prosekuzzjoni, imbaghad una volta stabilit dan, cioe' li jew kien l-importatur jew kien il-komplici jew li kien fi kwalunkwe kaz jaf x'inhu jigri, l-oneru tal-prova jinkombi fuq l-imputat fit-termini tal-ligi. Pero' inizjalment kif inghad, il-prova trid issir mill-Prosekuzzjoni. "*

Illi dan l-insenjament u din id-distinzjoni gew segwiti minn din il-Qortu diversament preseduta fil-kawza **"Il-Pulizija vs. Francis Xavier sive Franco Borg**" [23.9.1994] fil-kaz ta' pussess ta' oggett li dwaru ma jkunx thallas id-dazju bi ksur tal-paragrafi (g) u (h) tal-Artikolu 62.

Dejjem dwar dan l-element tax-xjenza, din il-Qorti esprimiet ruha hekk fl-Appell Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Louis Frendo"** [12.3.1999] :-

"...dan ir-rekwizit ifisser li meta wiehed jikkonsidra c-cirkostanzi kollha relattivi u partikolari ghall-kaz, dawn l-istess cirkostanzi ghandhom ikunu bizzejjed fihom infushom biex juru li f'dak il-kaz, il-possessur tal-oggetti in kwistjoni kien jaf, jew messu ragonevolment ikun jaf minn dawk ic-cirkostanzi, li d-dazju/levy fuq dawk l-oggetti ma kienx imhallas. Din hi t-tifsira ta' dan ir-rekwizit tax-xjenza fl-imsemmija artikoli tal-Kap.37 ."

u meta dawn ic-cirkostanzi juru bic-car li l-appellant kien jaf li id-dazju / levy ma kienx thallas :-

"...hawn jiskatta in operazzjoni l-Artikolu 77 tal-Kap. 37 li jitfa' l-oneru fuq l-appellant biex jipprova li d-dazju / levy fuq dawk l-oggetti kien thallas. Fil-kaz odjern u f'kazijiet simili, kull ma trid taghmel il-prosekuzzjoni hu li tipprova (a) dawk l-oggetti dahlu Malta, (b) li "prima facie" jidher li id-dazju/levy fuqhom ma kienx thallas, u (c) li dawk l-oggetti kienu fil-pussess u kontroll shih tal-appellant."'

L-import tal-artikolu 77 gie ukoll trattat fl-appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Joseph Said"** [26.11.1992] u fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Joseph Grech Sant"** [4.2.1994] fejn ukoll gie ribadit il-principju li jekk tinqala' kwistjoni dwar jekk oggetti kienx thallas id-dazju fuqhom jew kienux importati skond il-ligi, l-prova relattiva tmiss lill-imputat. Anki fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Andrew Zammit et"** [31.7.1998] gie ritenut :-

*"..hawnhekk il-Prosekuzzjoni m'ghandhiex bzonn tipprova li d-dazju ma thallasx jew li ma giex kawtela , izda ghal kuntrarju , ……kien imiss lill- appellant jipprova illi d-dazju kien thallas jew li kellu raguni li kien thallas jew inkella b'xi mod kawtelat. L-oneru tal-prova hawn qieghed fuq l- appellant u hu hawn naqas. Kull ma trid taghmel il-prosekuzzjoni hawnhekk hu li ma jirrizultalhiex li thallas id-dazju. Minn hemm ' l quddiem l-oneru tal-prova jaqa' fuq l-appellant."*

Illi fl-Appell Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Anthony Callus"** [13.7.2005] gie ritenut li:-

*"Issa fil-waqt li hu minnu li biex jirrizultaw l-.imputazzjonijiet mhux biss irid jigi pruvat il-pussess materjali tal-oggett mhux zdazjat, imma jrid ikun hemm ukoll il-provi tax-xjenza li dak l-oggett ma kienx thallas id-dazju jew it-taxxa tas-sisa fuqu. Pero' dan l-element tax-xjenza, <u>anki jekk jigi michud mill-persuna suspettata, jista' jigi pruvat minn provi indizjarji li jkunu jindikaw li tali xjenza kien hemm jew suppost li kien hemm</u>."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Ikkonsidrat;

Illi din il-Qorti trid tqis jekk, fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata, l-Prosekuzzjoni waslitx biex taghmel al menu prova *"prima facie"* li d-dazju fuq l-oggetti importati f' Malta u li nstabu fil-pussess tal-appellant ma kienx thallas. Umbaghad stabilit dan, tinverti l-oneru tal-prova fuq l-appellant jekk kien qed jikkontendi li id-dazju effettivament kien thallas u tara jekk din il-prova da parti tal-appellant

saritx al menu sal-grad tal-probabbilta’ kif titlob il-ligi penali fir-rigward tal-grad ta’ prova li jrid jilhaq – jekk jaghzel li jipprova xi haga - l-imputat.

Illi kif gie ritenut f’ kaz analogu w cioe’ l-Appell Kriminali: **“Il-Pulizija vs. Raymond Attard”** [12.6.2008], fejn ukoll si trattava tas-sejbien ta' tlitt *satellite receivers* fid-dar tal-appellant il-Mosta, waqt tfittxija li ghamlu impjegati tad-Dipartiment tat-Telegrafija Minghajr Fili w l-Pulizija, ghab-bazi ta' l-apprezzament li kienet ghamlet, din il-Qorti kienet irriteniet li l-prezunzjoni li l-ligi tad-Dwana tpoggi fuq l-appellant biex jipprova li d-dazju kien gie imhallas ma gietx ribattuta f' dak il-kaz u ghalhekk l-appellant kellu jwiegeb ghall-akkuzi.

Issa f’ dan il-kaz l-appellant, meta kien kellmu l-Ispettur Bonnici, kien qallu li kien dahhal dan l-apparat legalment u anki kien hallas licenzja lid-Dipartiment relattiv. Kien ukoll urieh kopja ta’ din l-ircevuta tal-hlas li kien ghamel. (fol. 21) L-Ispettur esebixxa din bhala Dok. MB3. (fol. 28) Pero’ jidher *ictu oculi* li dir-ricevuta tirriferi ghall-apparat li ghandu serial number ghal kollox differenti minn dak indikat fl-akkuza. Inoltre, meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti, l-appellant qal li dan l-apparat kien akkwistah minnghand Ingliz innominat xi sena qabel ma sabuhulu l-Pulizija, li allura jkun jirrisali ghas-sena 1994, mentri id-data tat-timbru fuq dok MB3 tidher li hija 1984. Li hu cert hu li l-pussess ta’ dan it-tip t’ apparat kien illegali w ma setax ikun hemm licenzja ghalih u dan kien gie anki moghti pubblicita’ bi Press Notice li kienet iggib id-data tas-7 ta’ Mejju, 1987 u li kopja taghha tinstab a fol. 19 tal-process (Dok. 1B). Ghalhekk zgur li fil-1995 l-appellant ma setax kellu jew kien ihallas licenzja ghall-apparat *de quo.*

F’ din is-sitwazzjoni, fejn l-apparat u l-uzu tieghu kien illegali, anki jekk l-appellant jitwemmen li kien akkwistah minnghand Ingliz (mhux identifikat minnu), l-appellant zgur li kellu ragun jahseb li d-dazju fuqu ma kienx thallas ghax ma jistax jithallas dazju fuq oggett li l-pussess tieghu hu projbit. Certament umbaghad il-mod kif l-appellant ta zewg versjonijiet differenti bejn meta kellem lill-Ispettur u

meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti jkompli jdghajjef il-kredibilita' tieghu fir-rigward u zgur ma jikkonvincix lil din il-Qorti - lanqas sal-grad tal-probabbli – li l-akkwist tieghu tal-istess apparat kien wiehed *in buona fede* u li hu seta' legittimament jahseb li d-dazju dovut kien thallas jew kien gie kawtelat

Ghalhekk, fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata, l-Prosekuzzjoni, oltre l-prova tal-pussess illegali tal-apparat, mill-provi cirkostanzjali w indizjarji, ppruvat ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti w sal-grad tal-prova rikjest mill-ligi li l-appellant kien jaf jew imissu kien jaf, bl-uzu ta' sens komun u prudenza ordinarja, li fuq l-apparat in kwistjoni la kien thallas id-dazju relattiv u lanqas il-VAT mis-suppost possessur precedenti li tahulu.
Ghalhekk tirrizulta pruvata t-tielet imputazzjoni.
Konsegwentement l-ahhar sottomissjoni (gja aggravju) tal-appellant fis-sens li r-raba' imputazzjoni, bazata fuq il-ksur tal-artikolu 65 tal-Att XII tal-1994, cioe' tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, ladarba li dan l-artikolu hu marbut mal-importazzjoni tal-oggett u, ladarba l-prosekuzzjoni naqset li tipprova htija taht l-artikolu 60 tal-Kap.37, hu ghandu ukoll jigi liberat minn din l-imputazzjoni, hija infondata. Il-htija li giet riskontrata taqa' taht l-artikolu 62 (f) u (g) tal-Kap.37 u cioe' l-pussess jew il-kontroll tal-oggett u mhux fuq l-importazzjoni.

Konsegwentement din il-Qorti tara li mhux biss jirrizultaw l-ewwel u t-tieni imputazzjoni kif jissottometti l-appellant, imma ukoll it-tielet u r-raba imputazzjoni.

Ikkonsidrat;

Ghall-fini tal-valutazzjoni tal-oggetti, jidher li ghandu jittiehed l-inqas valur indikat fir-relazzjoni tal-espert nominat mill-Qorti Vincent Ciliberti (fol. 63) u cioe' dak ta' LM350, valur li hu inferjuri ghal dak ta' Lm465 indikat mill-prosekzzjoni fic-citazzjoni w fil-*"letter to prosecute"* tal-Kontrollur tad-Dwana (Dok. JB a fol. 12).

Ghal dawn il-motivi fl-ewwel lok din il-Qorti qed tannulla s-sentenza appellata w qed terga' tiddeciedi l-kawza mill-

gdid u, wara li rat l-artikoli 3 (1) u 6 tal-Kap.49, 39 (1) tal-Kap. 250; 62 (f) u (g) u 77 tal-Kap.37 u 65 tal-Att XII tal-1994, l-artikolu 17 (f) u (h) tal-Kodici Kriminali (izda mhux ukoll l-artikolu 18 tal-Kap. 9, u l-artikolu 60 tal-Kap. 37 li tahthom ma sabitx htija) w wara li qieset il-konkors formali jew ideali li jezisti bejn uhud mir-reati,  ssib lill-appellant hati tal-erba imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu w fic-cirkostanzi tikkundannah ghall-multa komplessiva ta’ elf u tlitt mitt Ewro (€ 1300) w inoltre tordna l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-apparat elevat u esebit f’ din il-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------